MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2004

Talba Numru. 2086/2003

**Joseph Deguara**
**Vs**

**Oscar Zahra**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghal hlas ta’ Lm320.59 (tliet mija u ghoxrin Lira Maltin u disgha u hamsin centezmu) danni sofferti wara incident bejn vettura KAF 117 misjuqa mill-konvenut u dik DAU 641 proprjeta’ tal-attur.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-konsulent, ittra legali datata 18 ta’ Novembru 2002 u dik ufficjali prezentata kontestwalment kontra s-socjeta’ assikuratrici tal-konvenut.

Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet ta’ l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut fit-2 ta' Dicembru 2003 u naqas li jidher u lanqas meta gew pprezentati l-kapitoli fil-15 ta' Jannar 2004 u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------